7 ta' Diċembru, 1953

Imħallfin :—

Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *President;*

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.;

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Carmela Micallef *versus* Gerarda Dagri et.

**Kuntratt — Korrezzjoni — Liberazzjoni "Ab Observantia" — Kjamata fil-Kawża.**

*Meta tintalab il-korrezzjoni ta' kuntratt, hemm bżonn li fil-kawża jkunu parti dawk kollha li kienu parti fil-kuntratt oriġinali li tiegħu tintalab il-korrezzjoni, u ta' l-eredi jew ta' l-eredità ta' xi kontraent oriġinali li jkun mejjet.*

*L-istess partecipazzjoni fil-kawża tal-kontraenti kollha oriġinali hija meħtieġa fil-każ ta' domanda għal dikjarazzjoni preambula għal dik il-korrezzjoni fil-kuntratt.*

*Għaldaqstant, jekk fil-kawża ma jkunux ġew imħarrkin dawk il-kontraenti oriġinali kollha, u l-eredi jew l-eredità ta' xi kontraent mejjet, hemm lok għall-liberazzjoni "ab observantia" mhux biss mid-domandi li għandhom x'jaqsmu mal-korrezzjoni mitluba, imma anki mid-domanda għad-dikjarazzjoni preambula għal dik il-korrezzjoni.*

*U ma hux il-każ li l-irritwalità tal-ġudizzju tiġi rimedjata bil-kjamata fil-kawża, f'każ simili, tal-persuni li ma ġewx imħarrkin; għaliex in-neċessità tal-preżenza ta' dawk il-kontraenti li ma ġewx imħarrkin kienet teżisti sa mill-bidu tal-ġudizzju.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attriċi, wara li jingħataw il-provvedimenti u d-dikjarazzjonijet kollha meħtieġa, billi fil-kitba taż-żwieġ li ġiet publikata minn Nutar Enrico Saydon fit-3 ta' Frar 1937 (dok. A) Angelo Chetcuti kien ta lil bintu, il-konvenuta Gerarda Dagri, fost ħwejjeġ oħra, in-nofs indiviż tal-maħżen iż-Żejtun, Antonio Micallef Street, numri 4, 5, 6 u 7, li kien ġie kalkulat li jiswa, għall-fini tal-boll, £220 kollu; u billi b'kuntratt riċevut minn Nutar Angelo Cachia fid-19 ta' Diċembru 1940 (dok. B) il-konvenuta flimkien ma' ħutha, in linea ta' transazzjoni tal-kawża tad-diviżjoni ta' l-assi ereditarju ta' Michelina Chetcuti, ommhom, kienu ttrasferew u assenjaw lill-missierhom Angelo

Chetcuti in-nofs indiviż ta' l-utili dominju in perpetwu ta' l-imsemmija postijiet; u billi b'kuntratt għand in-Nutar Rosario Frendo Randon tad-29 ta' Awissu 1945 (dok. C) l-imsemmi Angelo Chetcuti biegħ lill-attriċi l-utili dominju perpetwu ta' l-imsemmija dar numri 4, 5 u 6; u billi huwa evidenti li l-konvenuta, fil-kitba taż-żwieġ, qatt ma apportat bħala dota nofs il-postijiet hemm indikati bin-numri 4, 5, 6 u 7, iżda dawn in-numri ġew imsemmija bi żball, għaliex realment l-assenjazzjoni dotali kienet limitata għal nofs il-maħżen li jġib in-numru 7, u mhux għall-kumplament tal-postijiet li jġibu n-numri 4, 5 u 6; u billi dawn il-postijiet qatt ma ġew assenjati "in dote" lill-konvenuta, għaliex kieku, fil-kuntratt fuq riferit tad-19 ta' Diċembru 1940, il-konvenuta ma kienetx tittrasferixxi sehemha minn nofs ta' l-istess fondi lill-missierha, li almenu minn dak inhar ta' dana l-att sar l-assolut proprjetarju tal-fond li għalhekk huwa biegħ lill-attriċi; talbet (1) li jiġi dikjarat u deċiż li fil-kitba taż-żwieġ il-konvenuta rċeviet bħala dota immobiljari minn għand missierha nofs il-maħżen biss li jġib n-numru 7, il-lum numru 8, u mhux in-nofs tal-postijiet l-oħra li jġibu n-numri 4, 5 u 6, il-lum 5, 6 u 7, li huma interament ta' proprjetà ta' l-attriċi; (2) li konsegwentement tiġi korretta l-imsemmija kitba taż-żwieġ u l-inskrizzjoni ipotekarja relativa fis-sens fuq riferit; (3) billi, okkorrendo, jiġi nominat nutar biex jippublika l-att relativ u kuraturi biex jirrappreżentaw lill-kontumaċi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-16 ta' Marzu 1953, kontra l-konvenuti, li għandhom jidhru għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-27 ta' Ġunju 1953, li biha ċaħdet l-eċċepita irritwalità tal-ġudizzju għar-rigward ta' l-ewwel domanda, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, u laqgħet dik l-eċċezzjoni rigward it-tieni u t-tielet talba, u lliberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attriċi; billi kkunsidrat, dwar il-preġudizzjali fuq eċċepita;

Illi, biex tkun riżoluta l-kwistjoni jekk għandhiex il-kawża ssir fil-kontestazzjoni ta' l-ereditá jew l-eredi ta' Angelo Chetcuti, hemm bżonn li tiġi fissata bi preċiżjoni n-natura

ta' l-azzjoni esperita l-lum mill-attriċi. Hija, fl-ewwel domanda, qegħedha titlob li jiġi dikjarat li l-konvenuta rċeviet minn għand l-imsemmi Chetcuti, missierha, bħala dota immobiljari, nofs il-maħżen biss numru 7 (il-lum numru 8) Antonio Micallef Street, Żejtun, u fl-istess ħin illi l-postijiet l-oħra fl-istess trieq, numri 4, 5 u 6 (il-lum 5, 6 u 7), huma interament proprjetà ta'l-attriċi. B'nota tat-8 ta' Ġunju 1953 (fol. 22), l-attriċi ddikjarat li dawn l-aħħar postijiet jinsabu fil-pussess tagħha;

Illi minn dana jidher li l-azzjoni esperita mhix ir-"rei vindicatoria", li tippresupponi l-pussess fil-persuna li kontra tagħha tiġi eżerċitata (art. 359 Kod. Ċiv.); għalhekk hija azzjoni minnha differenti, u preċiżament dik li fid-dottrina tissejjaħ "azione di dichiarazione di proprietà", li tappartjeni lil min, "essendo in possesso della cosa, ne invoca la proprietà per respingere le molestie arrecategli nel godimento dal convenuto, che a sua volta reclama per sè la proprietà della cosa medesima" (Digesto Italiano, voce Rivendicazione (azione di), para. 4). Issa, fil-waqt li l-azzjoni rivendikatorja tiġi eżerċitata kontra min jippossjedi l-ħaġa, l-azzjoni dikjaratorja ta' proprjetà tista' tkun esperita fil-konfront ta' kull min ikollu, jew juri li jkollu, xi pretensjoni fuq dik il-proprjetà; b'mod li kull min jakkampa pretensjoni simili, jista' leġittimament jikkontesta dina l-azzjoni;

Illi għalhekk l-eċċezzjoni tal-konvenuta mhix sostenibili rigward l-ewwel domanda;

Illi l-istess ħaġa, però, ma hix applikabili għat-tieni domanda, fejn l-attriċi qegħedha titlob il-korrezzjoni tal-kitba taż-żwieġ u ta' l-inskrizzjoni ipotekarja assunta mill-imsemmi Angelo Chetcuti. Difatti hawn si tratta ta' modifikazzjoni ta' kuntratt li sar bil-parteċipazzjoni, mhux biss tal-konvenuti, iżda anki ta' Angelo Chetcuti; u kull kambjament, peress li jaltera l-kunsens kif manifestat ta' kull wieħed mill-kontraenti, għandu jsir fil-konfront u fil-kontestazzjoni tal-kontraenti kollha (ara art. 1035 Kod. Ċiv.). Għalhekk, biex tkun legalment diskussa t-tieni domanda, kienet meħtieġa l-parteċipazzjoni fil-kawża ta' l-eredità jew eredi ta' Angelo Chetcuti; u peress illi din in-neċessità kienet teżisti sa mill-bidu

tal-kawża, il-lum ma tistax l-attriċi, kif għamlet skond il-verbal fol. 21, titlob li jiġi rimedjat bil-kjamata in kawża;

*Illi t-tielet domanda, bħala dik li hija ntiża tagħti eżekuzzjoni għas-sentenza fuq it-tieni talba*, issegwi x-xorti ta' dina t-talba;

Rat fil-fol. 29 in-nota ta' l-appell tal-konvenuti Dagri, u fil-fol. 30 il-petizzjoni tagħhom, li biha talbu r-riforma tas-sentenza appellata, fis-sens li tiġi revokata fejn ċaħdet l-eċċepita irritwalità tal-ġudizzju għar-rigward ta' l-ewwel talba, bl-ispejjeż, u konfermata fil-bqija, fejn laqgħet dik l-eċċezzjoni, rigward it-tielet talba u lliberat lill-konvenuti, bl-ispejjeż *tal-ġudizzju kontra l-attriċi; b'mod, għalhekk, li l-pre*ġudizzjali tiġi akkolta għar-rigward tat-tliet domandi kontenuti fl-att taċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż kontra l-attriċi, b'mod li l-konvenuti jiġu meħlusin għal kollox mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Illi tlieta huma d-domandi attriċi :— 1. Illi jiġi dikjarat u deċiż li fil-kitba taż-żwieġ riferita fiċ-ċitazzjoni il-konvenuta rċeviet bħala dota immobiljari minn għand missierha nofs il-maħżen biss li jġib in-numru 7, u mhux anki (kuntrarjament għal dak li hemm fl-iskrittura antenuzjali) in-nofs indiviż tal-postijiet l-oħra li jġibu n-numri 4, 5 u 6, li huma interament proprjetà ta' l-attriċi; 2. li konsegwentement tiġi korretta l-imsemmija kitba taż-żwieġ u l-inskrizzjoni ipotekarja relattiva; 3. li jiġi nominat nutar biex jippubblika l-att relativ u kuratur ħalli jirrappreżenta lill-kontumaċi;

L-Ewwel Qorti rriteniet li, kwantu għat-tieni u t-tielet domanda, kien hemm bżonn il-parteċipazzjoni fil-ġudizzju ta' l-eredità jew ta' l-eredi ta' Angelo Chetcuti, għax si trattava ta' korrezzjoni ta' att (il-kitba taż-żwieġ) li fih kien ħa parti Angelo Chetcuti; iżda ma rritenietx neċessarja dina l-parteċipazzjoni kwantu għall-ewwel talba, għax, kif ħasbet l-Ewwel Qorti, si trattava ta' azzjoni ta' dikjarazzjoni ta' proprjetà, u għalhekk kien biżżejjed bħala leġittimu kontradittur kull min kien jakkampa xi dritt fuq dik il-proprjetà;

Issa, jekk wieħed jeżamina l-ewwel domanda, isib li din ma hix ħaġ'oħra ħlief istanza preambula għat-tieni u t-tielet domanda, inkwantokkè fiha qegħdha tintalab sostanzjalment dikjarazzjoni li hemm lok għall-korrezzjoni tal-kitba taż-żwieġ, fis-sens li, mentri minn dik il-kitba jidher li lill-konvenuta Dagri ġew assenjati, fin-nofs indiviż tagħhom, il-postijiet numri 4, 5, 6 u 7, fil-fatt ġie lilha assenjat biss il-post numru 7. It-tieni u t-tielet domanda ma humiex ħlief konsegwenza ta' dik id-dikjarazzjoni, fis-sens li ma jistax ikun hemm lok għall-korreżżjoni u għan-nomina ta' nutar għall-publikazzjoni ta' l-att korrettorju, ammenokkè ma jkunx hemm, qabel xejn, dikjarazzjoni tal-Qorti li hemm lok għal dik il-korrezzjoni;

Għalhekk hu ċar illi l-istess motiv li ddetermina l-Qorti ta' l-Ewwel Grad li takkolji l-preġudizzjali għat-tieni u t-tielet domanda, jimmilita ugwalment għall-akkoljiment tagħha għar-rigward ta' l-ewwel domanda; għax l-istess si tratta ta' modifikazzjoni ta' kuntratt li sar bil-parteċipazzjoni mhux biss tal-konvenuti, imma anki ta' Angelo Chetcuti (arg. art. 1035 (2) Kap. 23 Edizzjoni Riveduta). Fil-kitba taż-żwieġ (kopja fol. 5) Angelo Chetcuti ddikjara li kien qed jikkostitwixxi lil bintu (il-konvenuta Dagri) dota konsistenti fin-nofs indiviż tal-post numri 4, 5, 6 u 7. L-attriċi trid dikjarazzjoni li dik il-kostituzzjoni kienet limitata għall-post numru 7 biss. Hu ċar li b'hekk ikun hemm modifikazzjoni (oġġett ukoll ta' l-ewwel domanda) li fiha hija interessata l-eredità (jew l-eredi) ta' Angelo Chetcuti;

Ma hux il-każ li din il-Qorti tordna r-rinviju tal-proċess quddiem l-Ewwel Qorti għall-finijiet tal-kjamata in kawża ta' l-eredità jew ta' l-eredi ta' Angelo Chetcuti, għaliex in-neċessità tal-preżenza ta' dik l-eredità, jew ta' dawk l-eredi, kienet teżisti sa mill-bidu tal-ġudizzju (App. 14. 1. 38 "Captur vs. Dr. Felice");

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell; u tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li, fil-waqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn laqgħet il-preġudizzjali ta' l-irritwalità tal-ġudizzju għar-rigward tat-tieni u t-tielet talba, tirrevokaha f'dik il-parti fejn ċaħditha kwantu għall-ew-

wel talba, u għalhekk tilqa' dik l-eċċezzjoni anki għar-rigward ta' l-ewwel talba; u konsegwentement tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju għar-rigward tat-talbiet kollha. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi.